MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 795/2001/1

Avviz Nru:-795/01DM

Angelo u Margerita konjugi Attard

Vs

Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene mart l-istess Anthony Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti solidalment ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) flus lilhom mislufa mill-atturi u li z-zmien meta kellhom jigu restitwiti lilhom illum skada; dan kif jirrisulta wkoll minn skrittura privata li kopja taghha giet esibita mal-avviz bhala Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-29 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Carmela sive Marlene Attard fejn eccepiet illi :

1 Preliminarjament l-esponenti teccepixxi li hija qatt ma kienet edotta mill-ezistenza tal-iskrittura *de quo*, esibita fl-atti tal-kawza odjerna, u ghaldaqstant, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe dejn li dahal ghalih zewgha, ghandu ikun onorat minn zewgha biss, u ghaldaqstant, ghandha tigi wkoll liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-Art. 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili, Kap 16, billi l-iskrittura ta' self li fuqha hi bazata l-azzjoni tirrisali ghad 29 ta' Novembru, 1994;
2 Subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nullita' tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha tal-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-Art 1322 (2) u (3) (f) tal-Kap 16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat.
3 Subordinatament l-ammont mitlub fl-avviz f' kull kaz mhux dovut.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2002 fejn id-difensur tal-atturi rrefera ghal Artikolu 1078 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-kreditu kien ezigibbli fis-sena 2000 u fejn, ghar-rigward taz-zewg eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, ghamel riferenza ghal Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

Rat id-decizjoni taghha tat-28 ta' Marzu, 2003, fejn cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu propriu ta' din il-kawza, cioe' it-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) mislufa mill-attur lill-konvenut skond l-iskrittura tad-29 ta' Novembru, 1994, m'hemmx wisq fuq xiex wiehed jiddelunga, u effettivament jirrizulta ampjament ippruvat illi a bazi ta' skrittura tad-29 ta' Novembru, 1994, l-attur Angelo Attard kien silef lil Anthony Attard somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) liema somma, kif diga' gie deciz minn din il-Qorti, saret ezigibbli fid-29 ta' Novembru, 2000, u ghalhekk l-attur ghandu dritt li jitlob ghar-restituzzjoni ta' l-ammont imsemmi flimkien ma' l-imghax b'effett mid-29 ta' Gunju, 1996.

Izda l-konvenuta Maria Carmel Attard issostni li hija m'ghandiex interess guridiku f'din il-kawza peress illi hija ma kienetx parti ghas-self in kwistjoni u,billi s-self jammonta ghall-att ta' amministrazzjoni straordinarja, lanqas il-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn zewgha fiz-zmien tas-self m'ghandha tigi mghobbija bis-self ilkuntrattat minn zewggha, l-konvenut Anthony Attard, wahdu.

Minn naha l-ohra l-konvenut Anthony Attard isostni illi, gialadarba huwa dahal ghall-kuntratt tas-self minghajr il-participazzjoni jew l-adezjoni ta' martu fiz-zmien illi huwa kien mizzewweg mall-konvenuta l-ohra, allura l-kuntratt ta' self li ghalih dahal wahdu, ghandu jigi kkunsidrat null u bla ebda effett fil-ligi.

Din l-ahhar eccezzjoni pero’ m’ghandha ebda fundament legali billi, apparti l-fatt illi anke f’kaz ta’ nullita’ tas-self id-dritt ta’ restituzzjoni lill-attur ghandhu jibqa’ jsehh, minn imkien fil-ligi ma jirrizulta illi dawk l-atti ta’ amminnistrazzjoni straordinarja li jaghzel li jaghmel wahdu konpartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandu jitqies li huwa null u bla ebda effett.

L-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili jirregola l-kwistjonijiet dwar atti mwettqa’ minn parti wahda mizzewga meta jkun mehtieg il-kunsens tal-parti l-ohra, u billi s-self in kwistjoni ma jinkwadrax ruhhu f’dawk l-atti elenkati fis-sub-incizju wiehed (1) sa erbgha (4), huwa s-sub-inciz hamsa (5) li jirregola il-kwistjoni. Dan is-subinciz jipprovdi illi ***“meta f’xi att li jkun jehtieg il-kunsens tal-parti l-ohra u li jkun dwar mobbli, parti tagixxi waheda, il-parti l-ohra ma tkunx tista’ titlob l-annullament ta’ l-att; meta izda l-parti l-ohra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew tacitament, dik il-parti tkun tista’ tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxit waheda tirreintegra l-komunjoni ta’ l-akkwisti, jew meta dawn ma jkunx jista’ jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkunu ggarbu”.***

Billi fil-kaz in ezami l-konvenuta qatt ma rratifikat l-att espressament jew tacitament u dan nonostante li kienet giet citata mill-attur ghall-hlas ta’ l-imghax bl-Avviz Numru 240/1997 fl-Avviz bl-ismijiet ‘Angelo Attard vs Anthony Attard’, hija tista’ biss titlob illi l-konvenut l-iehor, zewggha, jirreintegra l-komunjoni ta’ l-akkwisti jew, meta dan ma jkunx jista’ jsir, illi jaghmel tajjeb ghad-danni li jkunu ggarbu.

Ghalhekk ma jistax jinghad illi l-konvenuta bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti m’ghandiex interess guridiku f’din il-kawza kif istitwita mill-attur; infatti billi l-komunjoni ta’ l-akkwisti, f’atti simili bhal ma huwa s-self in kwistjoni, hija dejjem tenuta li taghmel tajjeb ghar-restituzzjoni tas-self il-konvenuta hija protetta biss milli taghmel tajjeb ghar-restituzzjoni bil-beni parafernali taghha. Ghalhekk hija ghandha dejjem interess guridiku fit-talba attrici sa fejn jirrizulta li hija kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti salv id-dritt taghha illi titlob ir-

reintegrazzjoni tal-komunjoni da parti ta zewggha jew li dan jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun garrab lill-komunjoni jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa’ it-talba attrici u tikkunndanna lill-konvenuti bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u lill-konvenut Anthony Attard anke sa fejn jirrigwarda l-beni parafernali tieghu sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-29 ta’ Gunju, 1996, salv id-dritt tal-konvenuta kontra l-konvenut a tenur tas-sub-inciz hamsa (5) tal-Artikolu 1326 u tal-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------